# il-globalizzazzjoni tal-inġustizzja soċjali



Diskors ta' **Carmel Cacopardo**, Kelliemi ta' Alternattiva Demokratika dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Gvern Lokali, fl-okkażjoni tat-tnedija tal-ktieb ta' poeżiji, ***Riħ min-Nofsinhar. It-tibdil fil-klima skond Immanuel Mifsud u Adrian Grima*** waqt il-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, nhar is-Sibt, 15 ta' Novembru, 2008

Il-ktieb *Riħ min-Nofsinhar. It-tibdil fil-Klima skond Immanuel Mifsud u Adrian Grima* nista' niddeskrivih bħala ġabra ta' riflessjonijiet dwar il-globalizzazzjoni tal-inġustizzja soċjali.

Jesponi konfront bejn il-globalizzazzjoni u l-lokalizzazzjoni. Konfront bejn il-mixja lejn kompetittività fuq livell globali u l-effetti soċjali u ambjentali tas-suq bla lġiem li qiegħed jinħoloq. Fuq naħa hemm il-kilba għall-profitt akkost ta' kollox u fuq in-naħa l-oħra hemm is-sejħa għall-għeruq: il-bniedem f'armonja mal-ekosistema li minnha jifforma parti. Immanuel Mifsud jagħżel sewwa kliemu meta jgħid :

Xi l-madoffi tippretendu?
Din hi l-liġi tan-natura
Illi jkollok naħa fqira
U li oħra tkun sinjura

*Il-Ballata tal-Kiribati*




Dan il-ħsieb jintiseġ fil-kontribuzzjonijiet differenti fil-ktieb: naħa tad-dinja tistagħna a skapitu tal-kumplament. Il-faqar issa żżewwaq biż-żieda tal-bidla fil-klima bħala għodda li tiġġenerah. Dan hu kastig li ma bosta ma jifhmuhx għax huma għexu u qed jgħixu ħajja li tħares lejn l-ekosistema b'venerazzjoni. Ma jaslux biex jagħmlu l-ħsara ambjentali. Jgħixu ħajja sostenibbli sakemm iħalluhom! Adrian Grima fil-kontribuzzjoni intitolata *Todo Relación* (p.59) jiffoka fuq ir-reazzjoni tal-Aymara, grupp indiġenu fil-Perù li jħares lejn il-bdil fil-klima bħala kisra fil-kontinwità ta' relazjoni intima bejn il-bniedem u n-natura. Ix-xita li ma taqta' xejn ħarbtet xogħolhom: "U kaxkru kollox magħhom l-ilmijiet".

Il-bidla fil-klima hi l-effett dirett tal-ħidma tal-bniedem. Iżda sfortunatament il-konsegwenzi ma jġorrhomx biss min iħarbat. L-effetti ewlenin qed iġorrhom min ma kkontribwixxa xejn għall-ħsara li saret. Għandna l-ewwel refuġjati tal-klima minn Kiribati li qed jaraw b'għajnejhom il-livell tal-baħar tiela' u darhom tisparixxi. Immanuel Mifsud jinseġ il-karba :

Mill-korall tal-Kiribati
Ħierġa għanja kollha niket
Għax l-art sbejħa lewn il-ġawhar
Issa l-mewġ donnu qed jiret

*Il-Ballata tal-Kiribati*

Din hi storja li kuljum tiżviluppa quddiemna. Matul din il-ġimgħa stess smajna fl-aħbarijiet li l-Gvern tal-Maldives qed ifittex li mill-flus li l-pajjiż qed jiġġenera mit-turiżmu tinxtara art xi mkien biex il-popolazzjoni tal-Maldives ikollha xi mkien ieħor fejn toqgħod meta arthom tinbela' mill-baħar.

Il-ktieb ma jillimitax ruħu għall-bidla fil-klima. Jesplora ukoll qasam ambjentali ieħor li miegħu aħna f'Malta familjari mhux ħażin. Immanuel Mifsud jeżamina l-iżvilupp tal-art. Jgħidilna :

Aqta' fjura u ibni kamra;
Aqla' siġra u tella dar;
Imxi metru, ibni villa;
Tinkwetax ... dak li sar sar.

Mur pass ieħor u ibni torri;
Itla' fl-għoli miss is-sħab;
Tinkwetax jekk sħaqt l-għelieqi,
Kulma ħlejt kien naqra trab.

U jikkonkludi billi jgħid

Aqta' fjura u ibni kamra
Jiena nifhem, 'tini widen;
Meta mbagħad tkun lest minn kollox
Ħu nifs qawwi u mur indifen.

*Aqta' Fjura u Ibni Kamra jew iċ-Ċajta tad-Dollaru*

Il-karba ta' Immanuel Mifsud hi waħda favur l-art u kontra l-qerda. Kontra l-kilba għall-profitti li tiġġenera l-ispekulazzjoni tal-art li teqred kulma ssib f'isem dak li jissejjaħ żvilupp, mgħejjun, fil-fehma tiegħi, mill-logħob bil-pjanifikazzjoni lokali tal-art u mill-kuxjenza tal-lastku ta' wħud. B'mod dispreġġjattiv dawn ħarsu lejn l-art m'hix mibnija bħala ħela u x-xagħri bħala art żdingata mxennqa għal ftit konkos.

B'ton sarkastiku Immanuel iħeġġeġ:

Tagħtix kas li l-baħar tiela' –
Itla' fl-għoli anki int:
Bnejt it-torri, itla' fuqu

Ibda gawdi dak li ħdimt.

*Aqta' Fjura u Ibni Kamra jew Iċ-Ċajta tad-Dollaru*

Kull meta ndawru wiċċna quddiem din il-qerda, jew agħar minn hekk, ikun hemm min jipprova jiġġustifika, inkunu kompliċi f'dak li jkun qiegħed isir. Il-qerda tal-art mhix ġustifikabbli mill-impiegi li din tiġġenera, lanqas mill-prodott nazzjonali gross assoċjat magħha. Il-kejl ekonomiku mhuwiex riga li neċessarjament tkejjel il-progress. Tkejjel biss in-numri u tinora l-ħajja ta' madwarna. Xi progress hu dak li qed tiġġenera l-industrija tal-bini li bil-barka tal-awtoritajiet tibqa' tipproduċi gabubi tal-konkos, briks u ġebel meta hawn 'il fuq minn 53,000 post vojt?

Annalise Falzon, ambjentalista attiva fin-Nature Trust, tenfasizza dan il-punt fil-konfront tat-turiżmu fil-kontribut tagħha intitolat, "*Fejn il-Baħar jiltaqa' mal-Blat*". Il-kosta hi balbuljata ta' bini u t-turiżmu f'Malta hu ferm 'il bogħod milli jkun sostenibbli (pp.26-9).

Tinkwieta xejn. Immanuel jgħidilna "li sar sar". U nkomplu nħallsu jien u int. Forsi mbagħad nibdew nifhmu għaliex minkejja d-dikjarazzjonijiet pubbliċi għad hemm reżistenza qawwija għar-regolamentazzjoni tal-finanzjament tal-politika f'Malta.

Il-bdil fil-klima għandu effett fuq il-biedja Maltija wkoll, kif jgħidulna l-membri tal-Koperattiva Rurali tal-Manikata. Il-bidwi Joseph Sciberras qed jara l-ilma tal-pjan jispiċċa ftit ftit. Qed jifhem li b'temperatura li togħla b'żewġ gradi Celsius ikollna ħerba. Diġà qed iħoss b'idejh il-bdil fil-klima. Fi Frar, per eżempju, jgħidilna Sciberras, "hemm ix-xita li jew ma tagħmilx, jew meta tagħmel tinżel bil-qawwi u tispiċċa tkaxkar il-ħamrija u twaqqa' l-ħitan tas-sejjieħ, bil-konsegwenza li x-xita li tagħmel tispiċċa ma tinxtorobx mill-ħamrija u tibqa' sejra." (*Ix-Xemx li Taħraq Kollox*. pp.19-20)

Il-bidla fil-klima nassoċjawha maż-żjut li nikkunsmaw (*fossil fuels*), dak li Thom Hartmann[1] jiddeskrivi bħala l-ħażna tal-ħidma tax-xemx tul miljuni ta' snin. Għamilna użu mir-riżervi. Però kif jispjegalna Clive Ponting,[2] apparti l-użu tar-riżervi ta' ħidmet ix-xemx l-użu b'mod mhux sostenibbli tar-riżorsi fil-foresti (jiġifieri l-qtugħ ta' siġar għall-injam) tul is-snin ikkontribwixxa bil-kbir għall-qagħda attwali u dan minħabba l-eliminazzjoni ta' "*carbon sinks*" li sparixxew għal dejjem. Qrib tagħna, ngħidu aħna fil-Mediterran, l-imperi, biex jissodisfaw ħafna mill-ħtiġijiet tagħhom għad-dominazzjoni tad-dinja ta' żmienhom, qerdu foresti kbar. L-avvanz tal-agrikultura wkoll elimina tul is-snin kwantità ta' foresti madwar id-dinja.

Jiġifieri llum qed inġorru l-piż akkumulat ta' kif ħadmet l-ekonomija tad-dinja matul is-snin. Il-ġenerazzjonijiet ta' qabilna mhux kollha u mhux dejjem taw kas u mhux kollha fehmu li niffurmaw parti minn ekosistema. Fil-passat ukoll, uħud li għandhom dixxendenti denji jgħixu llum ukoll ħatfu kulma sabu.

Iżda fost il-ġenerazzjonijiet ta' qabilna kien hemm ukoll min mexa kontra l-kurrent. Uħud fehmu li mhux qed ngħixu f'ekonomija iżda f'ekosistema u li għaldaqstant

jeħtieġ li dejjem inqisu sew dak kollu li nagħmlu mhux biss fil-konfront ta' ħutna l-bnedmin iżda ukoll fil-konfront ta' oħtna n-natura. Din hi s-sostenibilità. Sistema ta' tmexxija li trid tagħti kont lill-ġenerazzjonijiet li għadhom ma twildux li silfuna din l-ekosistema biex nieħdu ħsiebha. Sistema ta' tmexxija li fiha d-deċiżjonijiet ekonomiċi jittieħdu wara li jitqiesu l-parametri tal-ekosistema li niffurmaw parti minnha. Jekk u kull meta dan ma jsirx oħtna n-natura tirritalja kif qed tagħmel preżentement bil-bdil tal-klima.

Nistgħu nfittxu soluzzjonijiet bl-użu ta' dak li Adrian Grima jsejjaħ "il-juice tal-qamħirrum":

Ġieli rajtu l-juice tal-qamħirrum?
Għandek ħjiel ta' kif ikun?
Tagħmlu minnu?
Taf li ma jarmix $CO_2$?

*4X4 Ipparkjajt fuq il-bankina fil-Bajja ta' San Ġiljan*

inkella fl-impjanti nukleari li l-Italja ta' Berlusconi qed titħajjar tistalla jew dawk li Franza ta' Sarkozy qed tfittex li tifrex mal-Mediterran, inkluż wara biebna fil-Libja.

F'Malta kemm il-Gvern kif ukoll l-Oppożizzjoni baqgħu b'fommhom mitbuq dwar dan. Tkellmet biss Alternattiva Demokratika.

Meta jiġu applikati dawn is-soluzzjonijiet li jippreżentaw politiċi li jħarsu bħaż-żiemel liebes l-għamad, ikun hemm ġeneralment benefiċċju immedjat li l-politiku jiffoka fuqu. Imma dejjem ikun hemm prezz għoli x'jitħallas. Il-kont ma jiġix mill-ewwel. Ġieli jieħu ż-żmien, u meta jasal ikun, kif ngħidu, biz-zalza! Fil-fatt ġa beda jitħallas.

Il-prezz taċ-ċereali m'għola s-sema huwa l-ħlas għall-politika tal-*juice* tal-qamħirrum.

L-inċidenti nukleari ta' Chernobyl (1985) u Three Mile Island (1979) huma forsi 'l bogħod wisq fiż-żmien biex neħduhom bħala twissija. Imma l-inċidenti fis-sajf li għadda fl-impjant nukleari fi Tricastin u fil-madwar fi Franza għandhom jixegħlu l-bozza l-ħamra għal min irid ikun onest.

Kif jgħidilna Adrian Grima:

Bil-lejl ma torqodx
Bi nhar ma taħsibx

*Siem Jiftakar is-Siġar t'Afabet*

Siem qed jara d-deżert joqrob dejjem aktar – jiekol ftit ftit l-art għammiela. Dan m'huwiex iħallih jorqod. Aħna wkoll nitħassbu meta naraw Gvernijiet bi

prijoritajiet żbaljati u li jdumu ma jiċċaqalqu qabel ma jieħdu passi ta' fejda ambjentali. Dan meta l-effetti ilhom hawn u huma ċari:

Ma tridx għerf, ma tridx wisq skola
Sabiex tkejjel l-ultra-vjola
Sabiex tisma' t-tfal bis-sogħla
Jew biex tħoss il-baħar jogħla

*Ola Ola Ola*

Ħbieb tiegħi, huwa ż-żmien tal-azzjoni mhux tal-paroli. Il-ktieb li għandna quddiemna hu ta' għajnuna biex jitrattbu l-kuxjenzi – fejn dawn għadhom jeżistu. Forsi niċċaqalqu ftit. Għax mixjin bil-mod wisq.

[1] Hartmann Thom (2004) : *The Last Hours of Ancient Sunlight. The Fate of the World and what we can do before it is too late*. Revised edition. Three Rivers Press. New York.
[2] Ponting Clive (1992) : *A Green History of the World*. Penguin. UK.

Fit-tnedija tkellmu wkoll il-Ministru għall-Agrikultura u r-Riżorsi Rurali George Pullicino, u l-Kelliem tal-Partit Laburista dwar l-Affarijiet Barranin u t-Tibdil fil-Klima, l-Onor. Leo Brincat. Mexxiet Anna Zammit.

---

Dan id-diskors tqiegħed fuq l-internet nhar is-16 ta' Novembru, 2008, minn Carmel Cacopardo fis-sit:
http://carmelcacopardo.wordpress.com/2008/11/16/ir-rih-min-nofsinhar-it-tibdil-fil-klima-skond-immanuel-mifsud-u-adrian-grima/